
Nanna

Nanna

lil Pawla Cassar, il-Kuppija, li marret tiltaqa' man-nannu fit-3 ta' Frar 2010, ta' 80 sena

© ANTOINE CASSAR 2010. DISINN GRAFIKU © MATTHEW CASSAR.

I

Ir-raba' dis-sena m'għamilx.

Mingħajrek, nanna,
id-dinja saritli gaġġa,
pajsaġġ imwaġġa', xefaq imxaqqaq,
togħma ta' ċaħda l-ħamrija
taħt snieni tiċċaqċaq...
u l-ftit kelmiet li għandi s-saħħa nħarbex
twaħwiħa waħda.

Mingħajr il-ħlewwa ta' leħnek,
il-klamar ta' qalbi nkixef
għalxejn, għax nixef,
doppju s-skiet li ma' demmi baqa' jinfirex...
baqa' vojt ir-razzett, baqgħet vojta r-remissa,
vojta baqgħet id-dar li rabbejtni fiha,
m'għadx baqa' faraġ,
hemm biss taraġ
iwasslu għal taraġ
'il fuq... 'il fuq...
jitilgħu għal fuq bejt
ġo sema mitbuq.

Mingħajr subgħajk tawwalija
is-somom m'għadhomx jaqblu,
l-abbati nesa talbu,
il-frottijiet
li waqgħu waħdiet
m'għadhomx jinġabru...
Billi sammart saqajja mal-art għallimtni ntir,
illum idi mtertra tittanta fit-tniebri
tfittex subgħajk farfett ħa żżommni
jien u ndur mal-bokka tal-bir.

Mingħajr id-dawl t'għajnejk,
il-puzzle tal-globu ma jridx jagħqad,
m'għadx hemm wisa' x'niftaqad,
la lehma u lanqas fehma,
la kenna u lanqas benna,
fuq kollox, ta' kull darba
li nissellef par ġwinħajn biex intir lura
għas-serħan tar-raħal,
ma nsib l-ebda nanna tistenna,
ma nsib l-ebda nanna tithenna.

Ma' kull tomna tad-dinja durella
li sfajt nirfes b'nofs ta' qalb, b'nofs ta' nifs,
b'passaport ta' bla art, b'barżakka
tqila u battala,
xtaqt nieħdok miegħi, nanna, iżda ħallejtek warajja
bla naf il-għala.

Axxa axxa
difnuha ġewwa kaxxa
ħaduli l-boxxla, ħaduli l-mappa,
ħaduli l-ixkejjer jixpakkaw bl-imħabba,
tlift kull kont u kull għadd
u ġejt ottu,
ottu,
ottu,
u l-ħajt li tela' madwari
idejja wisq inġazzati
biex inħottu.

Ir-raba' dis-sena m'għamilx...
Fir-raba'
fejn ħadd ma baqa' għassa,
lejn il-ħerża ta' fuq il-bir
bqajt u nibqa' niċċassa...

fir-raba'
li dis-sena laqa'
lil nannti ġo kaxxa.

II

Ġixt ixmux għajnejk,
ġiex lewliet ilewnuli d-dinja.

Bħan-nemel jistenna s-sajf
nixref niġri minn ġol-ġebel
ħa nilħqek bilqiegħda tixxaħxaħ fil-bitħa
bil-qattusa tal-madonna fuq ħoġrok.

Ta' kollox kont iżżomm kont,
kont ta' kollox:
l-imżiewed, it-tin u t-tut,
il-bajd mibjud u mibjugħ,
ix-xelini u l-irbgħajja, ir-raded tar-raba',
l-għeneb li konna naqtgħu bil-ħlewwa ta' xulxin,
l-għeluq is-snin, il-ġimgħat,
il-ġranet imħaffra kalendarju fil-blat,
in-numri ta' tlugħ ix-xorti kull nhar t'Erbgħa preċett,
it-trietaq ta' qalbi.

Kif kont tlaħħaq taf biss il-ħamrija.

Tmienja l-jum u x-xahar, tmienja l-ulied,
erbgħa s-subien, erbgħa l-ibniet,
erbatax u tmienja ż-żrameġ jiġru ma' saqajk,
ċorma sħiħa tixxabbat ma' xuxtek
ħa tagħlifhom bil-benna ta' mħabbtek,
tmienja x-xagħriet bojod li lmaħtlek fuq rasek
l-aħħar li rajtek imbissma,
imġissma, naturalissma

tilqa' r-raġġi ta' dija kisknijiet mit-tieqa,
tmienja l-ħawħiet misjura li laqgħet it-tira niedja,
tmenin ir-rebbigħat iwarrdu fuq wiċċek
li bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa
telgħu jittajru mal-wiżż.

Ġixt ixmux għajnejk,
ġixt ixmux jisirġu minn ġo wiċċek,
riflessi fil-baħar jofrogħ u jimla
t'għajnejna mbattla
jduru ottijiet madwarek.

III

Ifraħ u imxi.

Moħħok imaħħaħ fil-mewt
jixxaħxaħ fil-ħmura tgħammex
tal-għabex,
kif tridu jistrieħ, kif tridu ma jixjieħx
jekk sar jibża' mid-dinja, ma jridx jisma' mid-dija,
u ntelaq fit-taqbiliet ħfief u misħija?

Tnikkirt fin-niket,
bekbikt mit-tosku tad-dmugħ sa lsienek siket,
twaħwaħt fil-baħħ u tħallejt tintrikeb
mill-karba bikrija ta' ħtijietek
tinfirex bħal imxija mal-vini ta' ġismek,
iddallam ta' qalbek il-qalba,
il-kamra, il-periferija,
id-dinja li m'għadekx tara,
il-ħajja li ħallejt imwaħħra.

X'qabditek, xi swietlek
li qgħadt itniffed it-tifkiriet bħal furketta fi fwiedek,

l-imsiemer fl-imsaren, il-moffa fiż-żraben,
minn sodda għal sodda titrekken u tiċċekken
imgeddes daqs tmienja mimduda
ħmar tas-sienja żżagrag bla ħniena
iddur fl-assurd u bla heda tredden
fi tromba ta' bla tarf u bla futur?

Professur tal-ilma qiegħed, poeta
tal-ħabba gods, matriċida
mniddem, ma tafx li n-nanna
għalxejn itgiddem il-ħamrija biex ittellagħha lura,
ma fhimtx li l-boxxla u l-mappa
xejn m'huma se jmexxuk minn ġot-twiebet mitbuqa,
ma ntbahtx li l-imħabba
m'intix se ssibha fid-dalma ċappa
ta' taħt il-ħerża?

Ifraħ u imxi,
fittex il-lapes tal-quċċija ħa tpinġi kif tista'
il-ġmiel t'għajnejha,
il-forma ta' fommha bħal t'għasfur imħażżeż fis-sema,
il-ħnejjiet ta' suritha mġissma
mimduda fuq is-sufan
meta kont tistħajjilha
omm l-univers, ħallieqa qadima,
għajn ta' kull vers minn dawk li jgħannu
ta' kollox il-bidu u l-kewn.

Mix-xquq ta' qalbek imqarqċa
ħalli dieħel id-dawl ta' dal-jum,
ħarrek, qum, ifraħ
u imxi...
tiegħek, għal ġol-barżakka ta' ruħek,
sempliċissimament, mingħajr bżonn ta' metafri,
dawn it-tmien tifkiriet biex teħodhom miegħek.

Wieħed.
L-Imnajdra qabel iċ-ċint
nixxabbat mal-ġebel frisk
f'logħba noli max-xemx u ma' ħuti,
m'hemmx li jsibuni,
sakemm mal-leħen raħli
tan-nanna bil-ħlewwa ssejjaħli
arani niġri
minn fuq il-ħaġar għal fuq ħoġorha,
u hemm, f'dirgħajha mistkenn, ix-xefaq imbissem,
Filfla waħedha fin-nofs, u l-baħar sieket.

Tnejn.
Fil-ħemda ta' wara l-iskola
inbill l-ottijiet fit-te bil-lumi,
in-nanna bilqiegħda quddiemi
tispissja fuq in-numri
tal-lottu li għadda u li jmiss,
il-bajd u l-flieles, ir-raded fl-għelieqi,
l-għenieqed jiddendlu mid-dwieli,
tal-qraba n-numru tad-dar, tal-berdejs il-jum u x-xahar,
is-snin, iż-żmien għaddej ġmielu,
ix-xagħriet bojod fuq rasha,
l-1950 meta kienet tinnamra man-nannu
fil-fjur ta' ħajjitha,
iżda jien qatt ma rajtha isbaħ u aktar b'saħħitha
milli kienet tkun ta' kuljum,
konvint fuq li konvint sal-aħħar
li lil nannti ma jxejjaħha xejn.

Tlieta.
Ġol-għalqa ta' wara l-ġibjun
niżirgħu l-basal jew il-ful,
in-nanna tqalla' l-ħamrija bl-imgħażqa,
jiena miexi warajha nitfa' ż-żerriegħa

u nagħlaq b'saqajja,
inlestu bla għaġla, qabel nitilqu naqtgħu
l-għeneb u t-tut ħa neħduh magħna,
u mal-aħħar daqqa t'għajn kif niġbdu lura x-xatba
il-ħjiel ta' ħajjiet ġodda, tant u tant
possibbiltajiet ta' bla tarf ġo għalqa ċkejkna,
tant u tant tamiet mitmugħa mit-tira
ittella' bla sforz in-nebbieta.

Erbgħa.
Nhar ta' Sibt filgħodu, l-isbaħ ħin tal-ġimgħa
in-nanna b'subgħajha għorriefa
timla r-ravjul bl-irkotta fuq il-mejda tal-kċina,
l-istennija siebra sa nofsinhar,
sar-riħa tfuħ tat-tadam u t-tewm
li timla kull rokna tad-dar,
u ftit qabel taqleb,
il-bewsa bil-ħatfa għal fuq ħaddejha,
it-tbissima, id-daħqa fuq wiċċha,
l-*itlaq minn quddiemi* nibbiexa,
u għajnejha jixegħlu bħal ta' ċerva.

Ħamsa.
Fil-bitħa ftit wara l-ikel
nintasab fuq it-tarġa
qalb il-fjuri taz-zija,
in-nanna toħroġ b'siġġu mill-kċina
u nofs mandolina,
felli felli naqsmuha, hi tgħid kemm hi bnina,
jien inweġibha li bħal kulma n-nanna ttina,
kif tagħlaq għajnejha ħa tixxemmex tikka
tixref il-qattusa tal-madonna minn wara l-qasrija
u titla' ħafifa fuq ħoġorha,
u nista' nkompli nħares lejha l-ġurnata sħiħa,
ħa niftakarha dejjem hekk, imdawla u mansa.

Sitta.
F'għaxija xitwija
nidħol lura d-dar mill-maltempata,
in-nanna bilqiegħda fuq is-sufan
tilqagħni lesta b'xugaman,
wara li nixxotta sew tgħidli npoġġi ħdejha
u tifrex nofs il-kutra fuq irkupptejja,
x'inhuma jxandru fuq il-kaxxa tax-xjaten ma jimpurtax,
nibqa' hemm nismagħha tħarref
u tiġbed saqajn in-nannu,
u l-baħar ħallih iħabbat, ir-riħ ħallih isabbat,
u ħalli ttektek fuq it-twieqi
kemm trid ix-xita.

Sebgħa.
Nhar ta' Ħadd ftit 'il fuq minn Għar Lapsi
niċċassa lejn ix-xefaq,
in-nir jiltaqa' man-nir, il-mogħdija
mwittija mix-xemx titbaxxa,
u kemm hi leqqiena, u kemm hi twila,
ma' kull mewġa għażżiena mistoqsija ġdida,
dak il-ħin nisma' n-nanna tgħajjatli
ħa tgħaddili l-ħobż biż-żejt,
moħħi jistrieħ, għajjejt niffilosofizza,
jien u ngerrem il-ħobż nieħu pass lura
forsi nerġa' nintebah
bis-sempliċità tal-kuntentizza,
tliet affarijiet appuntu biżżejjed:
is-sema fil-baħar, il-baħar f'għajnejn in-nanna,
in-nanna fl-ikħal tas-sema.

Tmienja.
Fl-għatba tal-aħħar raqda
bilqiegħda f'tarf is-sodda tal-isptar,
in-nanna, l-aħħar li rajtha,

mixruba, marida,
iżda mill-aktar sielma,
tilqa' l-imrieżaq taħtnijiet mit-tieqa,
hekk l-aħħar li niftakarha, eżatt kif telaq in-nannu,
wiċċha mdawwal, u minn widna għal widna
tbissima hienja.

Grazzi nann
Il-baħar bnazzi twann
issa ħallik minn dik il-ħerża, aqbad ħwejġek
u kompli għal għonq it-triq,
ifraħ u imxi, isa, ħarrek, iġri,
m'hemmx bżonn li ngħidlek jien,
id-dinja għadha hemm, u qed tistenniek.





li darba ġabitilna n-nanna
u li qsamna u rġajna qsamna sa mexmixnieha
(liz-zija miskina xejn ma ħallejnielha...)

Kbar xufftejk biex għallimtni dal-ilsien
li bih qed niktiblek din it-tislija.

U issa li mort bis-sliema
bla tort u bla ndiema
tinsilix il-qatta ċiċri mill-għalqa
u t-tut u t-tin bla xaba'
li kont iġġibli fil-kobor tal-keffa t'idek
għan-neputi ħabibek
li baqa' ma' kull frotta bnina
jiftakar fik,
li baqa' ma' kull taqbila
jselli għalik,
li baqa' ma' kull dell t'idu merħija
jibkik, jibkik, jibkik.

III

Kbar idejk biex fis-sħana tal-keffa
tilqagħli ċ-ċokon tal-wejda.

Kbar subgħajk biex meta nidħol fil-kċina
b'sorra dlam ma' spallti għajjiena
itħitli xaqq dawl fuq il-mejda.

Kbar dirgħajk biex iżżommni sew
meta jiftilli noħroġ ġol-għalqa
nittawwal f'xifer il-bir.

Kbar spallejk biex teħodni fil-ftuħ
ħa mmattar il-ġwienaħ u ntir.

Kbar riġlejk biex fuq ħoġrok iżżemmel
mad-dinja lin-neputi ħalliemi.

Kbar saqajk biex taħrat u tiżra'
tinja tinja l-ġejjieni.

Kbar għajnejk biex tgħarrex is-sema
u tgħidilna jekk għada
hix ġejja xita jew xemx.

Kbar imnifsejk biex xejn ma jaħrablek
minn li hemm u minn li ma hemmx.

Kbar snienek biex tgħaddashom
f'dik il-bettieħa ħelwa manna

biex issa id f'id ma' bintek Kelina
tiżirgħu siekta s-sħab -
aħna nibqgħu hekk, idi f'idek,
taħrat is-sema ħdejn il-mulej ħabibek,
tiftaqad fil-ġenna, fejn ma rridx irridek,
tiġri ġo demmna, fejn naf li nsibek,
taħrabli f'did-demgħa
qed taqa'
fuq idek.

II

Niftakarni, niftakarna,
subgħajja jistrieħu ħafif
  fuq il-kobor ta' sebgħek sod,
it-tbissima bil-mod,
niftakar il-wejda fl-ilqugħ tal-keffa t'idek
bħal rixa fuq il-ħuxlief,
is-sħana, id-demm mad-demm,
u ċ-ċokon tal-wejda
  mkebba f'tiegħek għall-kenn.

Idejk imħarrxa bil-ħidma tal-ħamrija,
idejk imbarrxa bil-ġidma tat-tjubija,
idejk fidda, nida,
dqiq u dija,
friefet imġissma jittajru ġo fija...

Idejk kbar,
il-ftuħ, il-wesgħa tal-bwar,
ġnien imwerraq,
mappa ta' dinja tfur bl-inwar
li għad fadalli nterraq,
u nibqgħu ċerti li għada, kull fejn nersaq,
aħna nibqgħu hekk, idi f'idek,
biċ-ċokon tal-wejda
  mkebba f'tiegħek għall-kenn.

U jista' jiġi għalina l-lupu tal-mewt
u nista' nilbislek l-iswed tal-lejl
u tista' tpassi

U issa li mort bis-sliema
bla tort u bla ndiema
għidli ftit, liema id
se teħodni mill-ġdid
fl-għelieqi fejn għallimtni
immattar il-ġwinħajn

X'mort nagħmel biex b'das-subgħajn
ġejt nagħlaqlek għajn m'għajn...

Għan-niżla, kull
kolp
jgħin.

Infetaħ bieb il-bitħa, in-nanna dieħla lura,
mitt elf xiber ‘il bogħod, minn djul id-dura
tasalli n-neſħa ħafifa,
ir-riħa ħarira,
il-fwieħa ħanina tan-nagħnigħ -
ħa nħallik Antoine, sejjer norqod
saħħa nannu, mur strieħ,
mur strieħ,
mur strieħ
u ftit sigħat wara, il-ksieħ
tal-id qamrija li għattietek.

X’mort nagħmel bgħatt għalik
dak il-ħin tal-agunija
mal-ħtija
fatalment intarsjata

X’mort nagħmel qlajtek fis
minn ġol-aqwa tal-ħrafa
biex b’subgħajja muswafa
ġejt naqliblek l-aħħar faċċata

X’mort nagħmel biex b’daqqa t’idi
ta’ bla fidi, ta’ bla riedni
ġejt niġbidlek il-purtieri,
siparju bikri,
biex fl-aħħar att, wara l-kwinti
tal-mortwarju mbikki
ma ħadtnix lura miegħek
kif qegħidt idi fuq tiegħek
u sibtha mwebbsa u inġazzata

leħnek durbies,
ħarir iħarħar maġenbi –
u bħas-soltu, għidtli
sikwit insemmik ġo qalbi
kuljum naħseb fik, nannu
leħnek mellies,
għasel jiġri ġo demmi –
u mbagħad, saqsejtni
rajtu n-neputi?
ħelu tant, taf li
għalik imsemmi?
leħnek jibbies,
jinħaraq,
jinħanaq,
jinstaħaq f'għeluq il-meħrież,

u nifsek, u nifsek,
bħal sejf jinfdek u jniffdek,
is-skiet imdenni,
il-kwiet imtenni,
il-fasla ta' dellek tinqala'
tinqata'
tinbala' minn mal-fasla ta' delli,
qalbek tiċċaqċaq
bħall-basla taħraq
li konna naqsmu fil-ħemda tal-kċina, felli felli,
it-tertir t'idejn uliedek
skjerati quddiemek
bħal tferfir ta' friefet fi ftehim imdemmi,
inti tifga fis-skiet ta' kliemek,
jiena nifga fil-kliem ta' skietek...

Fuq ġewwa tat-tbieqi t'għajnejja
siparju lewn il-ħtija –
jiftaħ l-ewwel att, ġrajja taż-żgħożija
li rrakkontajtli darba m'ilux, il-Ħadd filgħaxija,
kien l-'44, tmiem is-sajf
ftit 'l hinn minn Ras il-Ħamrija,
nannu, mela ma rqadtx illum?

meta tfexfix il-friex xemmiex
ħajrek taqbeż għarwien
għal ġoċ-ċfuf xkumati tal-bajja,
għaddielek, nannu?

meta f'tagħrix ir-raxx xewwiex,
bejn xifer u xefaq, qam
l-ajru xieref mis-sodda
bir-riħ ħurħara jissajja,
int hemm, nannu?

meta maqbud f'taħbit l-imbatt
int u titkaxkar lejn l-istalla t'alla
ħelow, ħelow
alla mill-qigħan imdallma
talla'
ħalla
u wasslek lura f'subgħajn ix-xatt.

U bħas-soltu, għidtli
kif int sejjer hemm fuq?
u bħas-soltu, għidtlek
qed nieħu pjaċir nisimgħek,
ħabib

I

Rajtek terfa' rasek, terħi l-ktieb, itqum f'kolp
minn mal-mejda
tal-kċina,
kien wara nofsinhar, suppost kont rieqed,
nanna nina
ħawnhekk kulħadd tajjeb Antoine
smajtek tgħaġġel lejn leħni,
pass pass, kaċikk
kaċikk bil-
ħadida, bil-
ħerqa, naħseb bil-wisq
ġej in-nannu ġej, illum baqa' jaqra
qed ngħid, illum qed idum...
domt ma wasalt
ejja meta trid, nixtieqlek ir-riżq
saħħa nann

leħnek imtaħħan,
ħassejtek itħanħan
aħħ... biex ġejt s'ħawn...
qtajt nifsi

u nifsek, u nifsek,
bħal sejf jinfdek u jniffdek,
tiċrit ikessħek,
qarnit ikeffnek,
it-taqtiq ta' qalbi mqallba jidfnek,
inti tifga fis-skiet ta' kliemek,
jiena nifga fil-kliem ta' skietek...

Nannu

lil Wiġi Cassar, ta' Bjankarti, li passa fl-14 ta' Novembru 2008, ta' 82 sena

© ANTOINE CASSAR 2009. DISINN GRAFIKU © MATTHEW CASSAR.

Nannu

